**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Dicembru , 2018

Rikors Nru : 134/18 AL

AB
Vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991) (vide Dok. A anness);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Peter Fleri Soler sa mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elfejn

u wiehed (2001) (vide Dok. B anness);

Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin separati legalment u *de facto* u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok. B) il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew il-ħall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab in vista tal-premess, intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imħolli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu 2018;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata ma deheritx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtiega mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Awwissu, 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;